MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 678/2001/2

**Loredana Farouk**

**vs**

**Mohammed Farouk**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici zzewget lill-konvenut fit-2 ta' Novembru 1996 fl-Ixandra, l-Egittu, liema zwieg gie registrat f'Malta fl-20 ta' Novembru 1996 (Dok. A) u mill-liema zwieg twieldet il-minuri Delia Farouk;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghad dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat u nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini ta’ l-**artikolu 19 (1) (g) u/jew (d) u (f) ta’ l-Att XXXVII ta’ l-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikuntrattat bejn l-attrici u l-konvenut huwa null u bla effett; u

L-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt sabiex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat l-avviz ta’ 1 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Raymond. C. Pace;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici tat-12 ta’ Marzu 2002, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tordna li l-konvenut jigi notifikat bic-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-procedura tal-pubbblikazzjoni u l-affissjoni; rat id-digriet ta’ l-14 ta’ Marzu 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba; rat li l-konvenut gie notifikat *ai termini* ta’ l-artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.

Rat il-verbali tat-2 ta’ Mejju 2002; tat-23 ta’ Mejju 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut ghat-12 ta’ Novembru 2002 u tat-12 ta’ Novembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 t’April 2003.

Rat in-noti ta’ l-attrici tas-7 ta’ Mejju 2002 u tas-17 ta’ Mejju 2002 fejn tesebixxi estratti minn gazzetta lokali ghall-finijiet ta’ notifika tal-konvenut;

Rat li l-konvenut ma' pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II) KONSIDERAZZJONIJIET.**

**I) PROVI PRODOTTI.**

L-**attrici Loredana Farouk** fl-affidavit taghha tghid:-

"*Illi niddikjara li f'Settembru, 1996, jien izzewigt lil Mohammed Farouk bir-rit Musulman, fl-Egittu. Fit-2 ta' Novembru, 1996, ahna zzewwigna bir-rit civili fl-Egittu u fil-31 ta' Jannar, 1997, ahna zzewwigna bil-Knisja hawn Malta. Minn dan iz-zwieg jiena u zewgi kellna tarbija li jisimha Delia li llum ghandha tlett snin u nofs.*

*Illi jien iltqajt ma' zewgi fl-10 ta' Awissu, 1996, hawn Malta waqt li kont hdejn il-bahar. Ahna bdejna niffrekwentaw lil xulxin mall-ewwel u tmint ijiem wara li konna ltqajna l-ewwel darba, Mohammed inqabad jahdem bla permess hawn Malta u gie deportat.*

*Jiena u Mohammed bqajna b'kuntatt telefoniku meta huwa tkecca u ntbaghat lura lejn l-Egittu. Fl-ahhar ta' Awissu,1996, Mohammed talabni nitla' l-Egittu hdejh ghall-btala. Jiena dak iz-zmien kelli wiehed u ghoxrin (21) sena u kont ghadni mohh ir-rih, u ghalhekk iddecidejt li mmur niltaqa' ma' Mohammed ghal weekend. Din jiena hadtha bhala avventura biex nerga' niltaqa' mal-guvni li kont qattajt tmint ijiem mieghu u fl-istess hin nara pajjiz gdid.*

*Lill-ġenituri tieghi jiena ma kontx ghidtilhom li sejra niltaqa' ma' Mohammed izda semplicement gharrafthom li sejra btala ta' weekend fl-Egittu. Din kienet normali ghalija peress li jiena kont insiefer hafna, anke wahdi.*

*Illi jiena tlajt l-Egittu fil-5 ta' Settembru, 1996, u Mohammed laqghani l-ajruport tal-Kajr b'zewgt icrieket wiehed tal-engagement u l-iehor tat-tieg. Jiena bqajt sorpriza ferm peress li kelli l-intenzjonijiet kollha barra li nizzevweg. Ghalhekk gharraft lil Mohammed li jien ma ridtx nizzewweg. Huwa qalli biex nilbes ic-crieket fuq is-swaba' ta' l-id il-leminija tieghi u meta nizzewweg nibda nilbishom fuq idi x-xellugija. Jiena hekk ghamilt. Huwa qalli wkoll li sabiex inkun nista' noqghod mieghu fl-appartament tal-familja tieghu, ahna kellna naghmlu l-gherusija, u ghalhekk gharrafni li kien ser jigi ragel fil-ghaxija biex jghamlilna c-cerimonja ta' l-gherusija.*

*Illi da parti tieghi ghall-ewwel ma ridtx naccetta, pero` huwa kkonvincieni anke peress li ghalija gherusija m'hijiex irbit. Fuq kollox fil-ghaxija ma kelliex fejn immur norqod u jiena ma kont naf lil hadd fl-Egittu.*

*Illi ghalhekk fil-ghaxija gie ragel liebes normali fid-dar tal-genituri ta' Mohammed u dan beda jaqra bl-Gharbi minn ktieb u ahna bdejna nghidu warajh. Da parti tieghi jien ma kontx naf x'kien qieghed jinghad peress li bl-Gharbi ma nifhimx. Wara li spicca r-ritwal, dan ir-ragel indikali sabiex nitfa' c-curkett minn dik l-id fl-id l-ohra. Jiena lanqas hiss issuspettajt li dan seta' kien zwieg anki peress li jien kont liebsa b'mod normali, konna god-dar u l-unika nies li kien hemm kienu xi ftit girien ta' Mohammed.*

*Illi wara li spiccat ic-cerimonja li matulha beda jaghtini dahq kbir Mohammed tani l-hasda ta' hajti. Huwa qalli li ahna issa konna mizzewgin. Jiena bhal tbellaht, lanqas hiss flaht nitkellem. Malli sibt mument fil-kwiet ma' Mohammed jien urejtu li kont irrabjata ferm ghal dan l-ingann, u hu qalli li ma kellu x'jaqsam xejn izda missieru ried li nizzewgu minhabba n-nies. Qatt ma hsibt f'ghomri li ser nizzeweg ragel li bilkemm kont nafu, u li kont iltqajt mieghu xahar qabel!*

*Illi wara li rrasenjat ruhi ghal din is-sitwazzjoni Mohammed ikkonvincini li nqatta' gimgha ohra gewwa l-Egittu u fil-fatt hekk ghamilt. It-Tleta ta' wara Mohammed ghamel bhal festin u jiena lbist libsa tat-tieg li Mohammed xtara gurnata*

*qabel. L-ghada Mohammed hadni fl-ambaxxata Maltija tal-Kajr u talab lill-ufficjal biex jaghmillu karta biex ikun jista' jinzel Malta peress li hu zzewweg Maltija. Dan l-ufficjal irrifjuta ghax ma kellna xejn bil-miktub. Mhux biss, izda dan l-ufficjal ma riedx jemmen li ahna mizzewgin ghax jiena lanqas hiss kelli d-dokumenti necessarji biex inkun nista' nizzeweg bir-rit civili fl-Egittu.*

*Illi niftakar li jiena kont imwerwra mir-rejazzjoni tal-genituri tieghi la jsiru jafu b'dan kollu. Fil-fatt fuq it-telefon jiena m'ghidtlihom xejn biex ma ninkwetahomx.*

*Illi meta rritornajt lura Malta wahdi u gharraft lill-genituri tieghi, huma ghamluli xenata kbira, izda meta raw lili rassenjata, accettaw din ll-problema.*

*Illi niftakar li darba minnhom Mohammed cempilli u staqsieni jekk kontx hrigt tqila. Da parti tieghi ghidtlu le u hu kien jinstema' ddizappuntat.*

*Illi f'Novembru, 1996, jierla ergajt tlajt lura l-Egittu bil-karti necessarji biex nizzewwgu bir-rit civili, u fll-fatt izzewigna fit-2 ta' Novembru, 1996 fl-Egittu bir-rit civil. Jiena kont tlajt wahdi ghal dan iz-zwieg. L-ghada li zzewwigna bir-rit civil, Mohammed rega' hadni l-ambaxxata Maltija biex igib il-karti halli jidhol lura Malta. Niftakar li dakinhar ahna konna ggilidna bil-kbir bejnietna peress li ndunajt li Mohammed kien izzewigni biex jinqeda' bija tant li lanqas biss kien qed jaghti kasi. Kien mohhu biss biex ikun jista' jidhol Malta u xejn aktar.*

*Illi nghid ukoll li waqt li konna l-Egittu, jiena u Mohammed kellna x'naqsmu flimkien u hu ghamel minn kollox sabiex ikollna t-tfal. Fil-fatt jiena mill-ewwel inqbadt tqila bit-tifla.*

*Illi wara tlett ijiem ahna gejna lura Malta flimkien. Peress li jiena kont ghadni m'inhix mizzewwga bil-Knisja ommi qaltli biex nibqa' nghix id-dar taghhom, filwaqt li Mohammed jghix fl-appartament li sellfuna huma. Ahna fil-fatt hekk ghamilna. It-tieg bil-Knisja kien ippjanat ghal Marzu, 1997. Pero` f'Dicembru, 1996 jien indunajt li kont tqila u ghalhekk ressaqna d-data taz-zwieg ghall-31 ta'*

*Jarmar, 1997. Niftakar li dan kien double wedding mat-tieg t'ohti. Da parti tieghi kollox kien sar bi pressjoni kbira minn omini li kienet qed tibza` minn ilsien in-nies*

*Illi niftakar li wara din id-data jiena ghamilt tlett gimghat noqghod ma' ommi ghax ma ridtx immur nghix ma' Mohammed. Nghid li jiena kont qed nirrifjuta li nghix mieghu peress li huwa kien diga' beda jsir vjolenti mieghi. F'okkazzjoni minnhom qabel sirt naf li tqila, Mohammed waqt argument beda jsabbatni, kisser mejda u beda jsabbat l-affarijiet u beda jghajjarni baqra. Wara din il-glieda jiena ndunajt li tqila u Mohammed qalli li ma xtaqx it-tarbija.*

*Illi wara tlett gimghat jien iddecidejt li mmur nipprova nghix ma' Mohammed u l-affarijiet minn dak iz-zmien komplew jaggravaw. L-ewwel problema kienet li Mohammed ried li jkollna x'naqsmu flimkien kuljum precett u dan minkejja li jiena kont tqila. Kemm-il darba kont nibkilu biex ihallini bi kwieti, pero' hu kien jinsisti li ladarba huwa zewgi ghandu dritt fuqi. Huwa kien jisforza ruhu fuqi. Fil-fatt sa jum qabel twieldet it-tifla, Mohammed kellu x'jaqsam mieghi, u niftakar li kien faqa' s-sekonda, tant kemm kien vjolenti.*

*Illi jien wellidt lit-tifla cesarja, u jumejn wara li rritornajt mill-isptar, Mohammed insista li jkollna x'naqsmu flimkien u dan minkejja li jiena kelli l-punti.*
*Illi dan kollu kien sehh, ghalkemm waqt it-tqala, Mohammed kemm-il darba sawwatni b'mod vjolenti.*

*Illi meta twieldet it-tifla zewgi baqa' bl-istess attitudni anke fil-konfront taghha tant li kien jinjoraha kompletament. Huwa lanqas biss qatt ma refaghha jew ha hsieb il-bzonnijiet taghha. Mhux hiss izda meta t-tifla kellha tlett gimghat, Mohammed qabad isawwatha ghax ma riditx tieqaf tibki. Huwa tant sawwatha li t-tifla spiccat b'xoffitha blu waqt li kienet qed tghoxa. Malli ghamilt ghalih, Mohammed dar fuqi u beda jaghti lili.*

*Illi ahna bqajna ghaddejjin b'dan l-inkwiet sa Mejju, 2000. Intant jiena spiccajt priguniera go dari stess peress li Mohammed kien ordnali hi jekk nohrog mid-dar irid ikun*

*jaf fejn sejra, ma' min u kemm ser indum. Da parti tieghu huwa kien johrog mal-bbieb u jdum sas-sieghat bekrin ta' filghodu minghajr ma jtini l-ebda sodisfazzjon. Nghid li qatt ma tlaqtu qabel ghax kont nibza' mit-theddid tieghu li lit-tifla ser jibghatha l-Egittu biex trabbiha ohtu, ghax ahna l-Maltin "zibel."*

*Illi f'Mejju, 2000 jiena skoprejt li Mohammed kellu relazzjoni ma' Jessica Tanti minn Rahal Gdid, u ghalhekk iddecidejt li nibda l-proceduri ghas-separazzjoni personali. Jiena kont qaghadt ghal kollox, pero' din ma kontx lesta naccettaha.*

*Minn dak iz-zmien sal-llum ahna qatt ma rrikonciljajna."*

## II) <u>PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg mal-konvenuta *stante* li qed jikkontendenti li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga fuq id-drittijiet u dimirijiet essenzjali taghha; u li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat peress li nkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg inniffsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi dawn il-premessi jwasslu sabiex jinghad li l-attrici qed ivvanta li l-imsemmi zwieg kien null u bla effett ghat-termini ta' l-**artikolu 19 (1) u/jew (d) u/jew (f) tal-Att XXXVII tan-1975 li Jirregola z-Zwigijiet.**

Illi fil-premessi tac-citazzjoni l-attrici qalet li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi fl-istess premessi jinghad, li l-attur sostna li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu u ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt

ghall-att taz-zwieg, liema premessa qeghda tirreferi ghall-artikolu **19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jinqraw hekk kif gej:

**"Artikolu 19 (1**) *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi din il-Qorti sejra tghaddi biex tezamina n-nullita` taz-zwieg *o meno* taht dawn iz-zewg sub-incizi separatament, u fl-ewwel lok, taht **l-artikolu 19(1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Illi **artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** jghid illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi ghar-rigward ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)** mill-provi migbura jirrizulta li l-kontendenti, qabel ma zzewgu, ma kkunsidrawx bis-serjeta` l-valuri u l-principji tal-hajja mizzewga. Fil-fatt inghad li l-kuncett ta' d-diskrezzjoni ta' gudizzju *"supposes not only maturity of intellect but also a maturity of the will, that is an ability to take decisions*

*responsibly. A person must possess* a *critical faculty and internal freedom of choice in order to contract validly”* .

*“Psychic disorders which give rise to a defect of due discretion include immature personality, which may be characterised by affective infantilism, immature character, affective immaturity and an emotionally unstable personality. Serious immaturity could very easily constitute a ground of nullity for a marriage. In a Rotal decision of 1961* ***Sabattani*** *held that a person either has or has not sufficient discretion of judgement to marry. If he has not, then he suffers from ‘aementia’, not in the sense of insanity, but in the sense that he lacks the sufficient maturity of judgement to understand and choose marriage … … ... Therefore, the weakness which affects the mind can merely result from the lack of maturity … …”.*

Illi ***G. Veness,*** kif ikkwotat minn ***N. Picard*** in ***‘*****L’immaturite’ et le consentement matrimonial*****”*** (pg. 54-55) jghid is-segwenti*:*-

*“The judge must consider the overall behaviour of the spouse, taking into account the gravity of the conduct, its continuity throughout the conjugal life, its influence on the couple’s equilibrium, the relation of behavioural disorders to the ‘ius in corpus and also to the right to the community of life and to consider also all the other factors which are relevant to the determination of the gravity of this immaturity with reference to married life.”*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga` kellha okkazzjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenzi **“Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg”** (Cit. Nru. 1564/97/RCP deciza fil-21 ta’ Ottubru 1999) u **“Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe”** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta’ Jannar, 2000); **“Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine”** (P.A. (RCP) 28 ta’ Mejju 2002); **“Ali Chahid vs Mary Spiteri”** (P.A. (RCP) 5 ta’ Gunju 2002); **“Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia”** (P.A. (RCP) 29 ta’ Mejju 2002); **“Romina**

**Zammit vs Paul Zammit"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi f'dawn is-sentenzi, u fid-decizjoni **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001) il-Qorti ghamlet referenza ghas-segwenti esposizzjoni ta' ***Viladrich*** li jghid:-

*"Thus, there is grave lack [of discretion of judgment] when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties, which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring.* ***(Viladrich, P.J.*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated"** *(Montreal, 1993) p. 686).*

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP deciza fit-18 ta' Jannar 2000) il-Qorti spjegat:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap 255**, dawn l-obligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma "the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and*

*irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics".* (***Vidadrich, P.J***. *op. cit*., p. 687).

Illi mill-provi prodotti jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li dan kien zwieg ta' konvenjenza fejn l-unika konsiderazzjoni tal-konvenut kienet biss sabiex huwa jkun jista' jigi jghix u jahdem hawn Malta, u mill-bqija xejn izjed, tant li ghamel diversi tentattivi sabiex jaghmel dan kemm f'dan il-pajjiz u kemm f'pajjizu, l-Egittu.

Illi din il-Qorti qed tirrapporta fis-sentenzi taghha kwazi il-brani kollha tax-xhieda li qed tigi guramentata u prezentata mill-partijiet, f'dan il-kaz l-attrici, sabiex wiehed jinduna b'liema laxkezza whud mill-partijiet quddiemha qed jidhlu ghall dan l-istitut taz-zwieg, bla ebda konsiderazzjoni ta' xejn, u dan biex jissodisfaw biss il-hajra ta' persuni bhal konvenut li l-iskop taghhom ikun biss li jibqghu jghixu u jahdmu Malta.

Illi dan pero' qed jimporta minn hafna partijiet li qed jidhlu f'dan it-tip ta' zwieg fazul, tbatija kbira li gieli ddum ghal tul konsiderevoli ta' zmien, stante li qeghdin jizzewgu persuni, fil-maggor parti taghhom irgiel, li gejjien minn kultura kompletament differenti, u li wara li jilhqu l-iskop taghhom li permezz taz-zwieg civili jkunu jistghu jghixu u jahdmu Malta, qeghdin litteralment jimmaltrattaw lill-istess nisa taghhom u anke gieli lill-uliedhom stess.

Illi dan huwa kaz minn dawn fejn l-attrici allegat bl-iktar mod car li hija kienet suggetta ghal maltrattament da parte tal-konvenut li kien anke jinvolvi vjolenza domestika u anke abbuzi sesswali fil-konfront taghha; jidher ghall-inqas mill-provi prodotti li wara li ha dak li ried il-konvenut qatt u f'xejn ma ha interess f'martu u wkoll uzaha kemm felah u tratta bhala oggett u xejn izjed, tant li beda' jghix hajja ta' bniedem wahdu u anke kellu relazzjonijiet ma' terzi persuni.

Illi jidher li l-konvenut kellu f'mohhu haga wahda biss u cjoe' li juza lill-attrici sabiex jakkwista stat ta' mizzewweg lill-Maltija u b'hekk ikun jista' jkollu id-dritt ta' moviment hawn Malta u jibqa' jghix Malta. Ghalhekk kull diskrezzjoni ta' gudizzju fuq kull element taz-zwieg, anke l-iktar wiehed minimu ta' konvivenza, almenu apparenti, kien ghalhekk ghal kollox nieqes mill-istess konvenut.

Illi certament li mill-provi kollha prodotti mill-attrici, jidher li l-konvenut kellu l-kunsens tieghu vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga u d-drittijiet u dmirijiet naxxenti mill-istess, u l-kunsens tieghu kien ukoll difettuz *stante* li eskluda posittivament elementi essenzjali mill-istess zwieg sa mill-bidu tieghu, ghaliex qatt ma kellu l-intenzjoni li jghix sew ma' martu izda biss li juzaha sabiex jkun jista' jghix hawn Malta,

Illi minn naha l-ohra l-unika raguni ghaliex l-attrici izzewget lill-konvenut, kienet biss l-isforz li sar fuqha mill-istess konvenut, fejn l-ewwel ingannaha b'dak li kien zwieg fl-Egittu, minghajr ma hija stess kienet taf, u wara meta gew Malta, wara li saru tentattivi mill-konvenut sabiex l-attrici tohrog tqila, kif fil-fatt gara, l-attrici zzewget, anke bil-pressjoni mill-genituri taghha, sabiex l-istess minuri titwieled fiz-zwieg, u certament dan juri nuqqas ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga da parte ta' l-attrici, anke tenut kont ta' l-influwenza li jidher li kellu fuqha l-konvenut.

Illi huwa sintomatiku li wiehed jirreferi ghas-sentenzi **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (N.A.) 31 ta' Mejju 2000) u **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (N.A.) 20 ta' Gunju 2000) u **"Marica Bouchhioua vs Farhat Ben Mohammed Bouchhioua"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002) fejn inghad li fiz-zwieg ta' konvenjenza illi l-iskop uniku tieghu huwa biss biex il-konvenut jakkwista ic-cittadinanza Maltija jew/u d-dritt li joqghod u jirrisjedi hawn Malta, dak il-kunsens ikun simulat peress li eskluda pozittivament iz-zwieg innifsu.

Illi hawn din il-Qorti tirreferi ghas-sentenzi taghha **"Stephanie Vella vs James Stratmore Thomson"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003); **"Svetlana Minaeva Ciangura vs Aldo Ciangura"** (P.A. (RCP) 29 ta' April 2003); **"Lucienne Barka vs Dr. Beppe Fenech Adami"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2002); **"Rodianne Graham vs Maria Concetta Zammit nomine"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2002); **"Ramzi Saad Gergis vs Nicholina Gergis"** (P.A. (RCP) 28 ta' Ottubru 2002); u **"Carmela Barbara vs Fathy abd el-Halim el-Khouly"** (P.A. (RCP) 31 ta' Ottubru 2002) u decizjonijiet ohrajn sabiex wiehed jara kemm hija kbira din il-problema odjerna, u certament ma tistax tigi kkunsidrata bhala sitwazzjoni wahda izolata.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-istess zwieg ghandu jigi dikjarat null abbazi wkoll ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255.**

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Novembru 1996 fl-Ixandra, l-Egittu, liema zwieg gie registrat Malta fl-20 ta' Novembru 1996, huwa null u bla effett *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut assenti.
**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------